Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 284/2013

**Studiografik Limited**

**Vs**

**Caxton Print Shop Limited (C-17080) u b'digriet tas-27 ta' Frar, 2014 giet kjamata fil-kawza s-socjeta International Meats Limited**

1 ta' Dicembru, 2017.

1. Il-kumpannija attrici harrket lis-socjeta konvenuta quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghall-hlas ta' tlett elef erba' mija u erba' u disghin ewro u sitt centezmi (€3,494.06) fir-rigward ta' xoghol ta' dizinn, *artwork* u stampi.

2. Il-konvenuta wiegbet li x-xoghol ma sarx fuq inkarigu taghha u lanqas ma sar fl-interess taghha.

3. Waqt is-seduta tas-27 ta' Frar, 2014 l-attrici talbet li tissejjah fil-kawza International Meats Limited. Il-konvenuta iddikjarat li taqbel u t-Tribunal laqa' t-talba.

4. Il-kumpannija msejha fil-kawza wiegbet, li l-azzjoni hi preskritta skont l-artikolu 2149(c) tal-Kodici Civili u li mhijiex il-legittimu kontradittur.

5. B'sentenza tal-24 ta' Settembru, 2015 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar cahad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u l-imsejha fil-kawza li mhumiex legittimi kontradittturi, u solidalment kkundannahom ihallsu lill-attrici s-somma ta' €3,494.06 bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-kawza.

6. Fid-9 ta' Ottubru 2015, International Meats Limited appellat mis-sentenza. L-aggravji huma fir-rigward:

   i. ta' dik il-parti tas-sentenza fejn it-Tribunal iddecieda li tezisti relazzjoni guridika bejnha u l-attrici;
   ii. l-imposizzjoni tas-solidarjeta fuq il-konvenuta u l-imsejha fil-kawza.
   iii. ic-cahda tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

7. L-appellati wiegbu fejn taw ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud. Is-socjeta konvenuta pproponiet appell incidentali.

8. Il-qorti qrat l-atti u semghet ukoll it-trattazzjoni.

9. Mhemmx dubju li s-socjeta attrici kienet qeghda tippretendi hlas minghand is-socjeta konvenuta, tant hu hekk li fl-avviz tat-talba qalet: *"… r-rapport dirett u guridiku f'din il-kawza tezisti bejn il-kontendenti imsemmija 'l fuq, u mhux ma' xi terzi"*. Jidher li fil-kors tas-smiegh tal-kawza bidlet din il-fehma tant li kienet hi li talbet li International Meats Limited tissejjah fil-kawza.

10. Mhemm l-ebda kontestazzjoni li l-hlas pretiz hu dovut. Il-kwistjoni hi dwar min ghandu jhallas lis-socjeta attrici, il-konvenuta jew l-imsejha fil-kawza jew it-tnejn ? Fis-sentenza t-Tribunal qal:

*"7. Il-prova tal-allegata inezistenza tar-rapport guridiku necessarju tinkombi fuq min iressaq din l-eccezzjoni. Is-socjeta intimata trid tikkonvinci lit-Tribunal li hija ma kellha l-ebda rabta mal-causa petendi tal-avviz fil-konfront taghha. L-istess haga trid taghmel is-socjeta kjamata fil-kawza"*.

Il-qorti ma taqbilx ma' din il-posizzjoni. Fl-ewwel lok l-attur ghandu jaghti prova li ghandu relazzjoni guridika mal-konvenut.

11. L-imsejha fil-kawza kienet inkarigat lis-socjeta konvenuta biex taghmlilha xoghol ta' printing fuq kaxxi. Fl-istima datata 19 ta' Ottubru, 2011 ghax-xoghol maghruf bhala *'Bonitos Boxes'*, jinghad:

*"Design and cutters for the above are not included in any of the above prices and will be quoted at a later stage when jobs are finalized"*.

12. Fit-30 ta' Novembru, 2011 l-attrici harget il-kontijiet ghax-xoghol li ghamlet, f'isem is-socjeta konvenuta. Mhemmx dubju li l-ewwel kuntatt mas-socjeta attrici, sar mis-socjeta konvenuta. Pero' hu evidenti li biz-zmien inholqot relazzjoni bejn l-attrici u l-imsejha fil-kawza. Hekk per ezempju f'email datata 29 ta' Settembru, 2011, Reno Psaila (rapprezentant tal-attrici) talab lil Christopher Micallef (dipendenti tas-socjeta msejha fil-kawza) konfermat, *"that I can buy on your behalf the high res. Images for: Sausages, Kebabs and Skewers?"*. Dakinhar stess Giuseppe Trapani wiegbu:

*"Carissimo Reno,*

*Ti Confermiamo il tutto, sia il disegno, che il fatto di acquistare le foto… perfetto, andiamo avanti cosi che credo che siamo vicinissimi alla soluzione ….*

*Grazie e buon proseguimento….*

*Peppe e kris"*.

Hemm email ohra datata 28 ta' Settembru, 2011 li biha Psaila baghat xoghol lil Giuseppe Trapani u Christopher Micallef ghall-approvazzjoni, u twegiba ta' Micallef. L-istess fir-rigward ta' email datata 28 ta' Ottubru, 2011 (fol. 87) li biha Psaila baghat xoghol li ghamel lil Micallef ghall-approvazzjoni. Psaila stess xehed fil-kawza 588/2013 (**International Meats Limited vs Caxton Printshop Limited**), *"Kull meta b'email bghatt l-artwork kont qed nibghat lil International Meats Limited u wkoll lil Caxton Print Shop Limited"* (fol. 110). Qal ukoll li x-xoghol kien ikun approvat miz-zewg partijiet.

13. Richard Schembri xehed, *"Nghid li jiena **x-xoghol tal-istampar thallast** pero' jiena ma thallastx ghax-xoghol tad-dizinn u nghid li jiena meta kkwotajt dejjem ikkwotajt minghajr l-artwork. Jiena lil International meats Limited ma tlabtux hlas ghax-xoghol tal-artwork u d-dizinn li kien sar min-naha ta' Studiografik Limited".* Dan il-fatt fih innifsu hu diga' ndizju li l-intendiment bejn il-konvenuta u l-imsejha fil-kawza kien li tal-ahhar ser thallas direttament lill-attrici.

14. Wara li Psaila baghat il-kont originali, saru diskussjonijiet bejn il-kontendenti li wasslu biex il-kont jigi ridott ghas-somma ta' €3,000 mhux inkluz VAT. Fatt ikkonfermat minn Psaila stess fid-deposizzjoni li ta fil-kawza 588/2013 (seduta tal-4.4.2014) li qal li fit-23 ta' Marzu 2012 saret laqa' li ghaliha kienu prezenti Richard Schembri (rapprezentant ta' Caxton), Christopher Micallef u Giuseppe Trapani; *"Kien waqt din il-laqgha li qaluli li ghogobhom ix-xoghol, imma l-pricing kien oghli"* (fol. 112).

15. L-appellanti ssostni li ma kien hemm ebda obbligazzjoni solidali miftiehma bejn il-kontendenti, u dan lanqas tacitament u wisq inqas espressament kif trid il-ligi. Pero' l-artikolu 1094 tal-Kodici Civili jipprovdi:-

*"L-obbligazzjoni hija in solidum għad-debituri meta huma **kollha obbligati għall-istess ħaġa**, b'mod li **kull wieħed minnhom jista jiġi mġiegħel għall-ħlas tad-dejn kollu**, u li **l-ħlas magħmul minn wieħed minnhom jeħles lill-oħrajn** lejn il-kreditur".*

16. F'dan il-kaz irrizulta li l-konvenuta u l-imsejha fil-kawza huma t-tnejn obbligati jhallsu d-debitu, u dan irrispettivament jekk ghal raguni differenti. Mhemmx dubju li in vista ta' dak li nghad iktar qabel:

i. Kull wiehed minnhom jista' jigi mgieghel ihallas id-dejn kollu;
ii. F'kaz li wiehed minnhom ihallas, issehh l-estinzjoni tal-obbligazzjoni fis-sens li l-attrici ma tistax titlob il-hlas minghand il-parti li ma hallsitx.

17. Fir-realta' meta t-Tribunal iddecieda li hemm solidarjeta, dik id-decizjoni hi wkoll favur l-imsejha fil-kawza ghaliex jekk tkun imgieghla thallas l-ammont

kollu lill-attrici, ghandha jedd iddur kontra l-konvenuta biex thallas nofs id-dejn. L-imsejha fil-kawza tista tithajjar targumenta li kieku t-Tribunal ma ddikjarax li hemm solidarjeta, jekk il-konvenuta thallas id-dejn issehh l-estinzjoni tal-obbligazzjoni. F'dak ix-xenarju hu ovvju li l-imsejha fil-kawza xorta tkun debitrici tal-konvenuta ghas-somma ta' €3,494.06 stante li titratta spejjez li skont il-ftehim li hemm bejn il-konvenuta u l-imsejha fil-kawza, ghandhom jithallsu mill-imsejha fil-kawza (ara l-istima li tat il-konvenuta fejn jinghad car u tond li dawk l-ispejjez mhumiex inkluzi).

18. Ghal dak li jirrigwarda l-preskrizzjoni, it-Tribunal ikkonkluda li l-preskrizzjoni applikabbli hi dik kontemplata fl-artikolu 2149(c) tal-Kodici Civili li jipprovdi:

*"l-azzjonijiet tal-avukati, prokuraturi legali, nutara, arkitetti u inġinieri ċivili, u persuni oħra li jeżerċitaw professjonijiet jew arti liberali oħra, għad-drittijiet tagħhom u għall-ispejjeż li jkunu għamlu".*

Fit-twegiba s-socjeta attrici ssostni li s-servizz li tat ma kienx jinvolvi biss dizinn grafiku jew artistiku, izda wkoll xoghol iehor bhal traduzzjoni mil-lingwa Ingliza ghal dik Gharbija. Irrispettivament minn din it-tezi, jibqa' l-fatt li l-attrici ma pproponitx appell incidentali minn dik il-parti tas-sentenza li tikkoncerna l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Fic-cirkostanzi dik il-parti tas-sentenza hi gudikat u mhux sindakabbli minn din il-qorti.

19. Irrizulta li f'xi zmien bejn Gunju u Lulju, 2012 l-attrici kienet irrevediet il-kont. Dan wara li s-socjeta msejha fil-kawza lmentat li l-kontijiet originali kienu ezagerati. Richard Schembri kien ukoll talab l-intervent ta' Logix Communications Ltd sabiex taghti stima dwar il-valur tax-xoghol li ghamlet l-attrici (ara per ezempju email datata 28 ta' Marzu, 2012 a fol. 38 li ntbaghtet lil Schembri). F'emial mhux datata (fol. 35) Psaila gharraf lil Schembri li:

*"... I am prepared to accept €3,000 plus VAT (the figure includes the iStock images and all translations €737) to close this 'bad' deal.*

*This makes the cost lower than Pierre's rough estimate and very close to Pebbe's offer".*

Fl-10 ta' Lulju, 2012 l-istess Psaila rega' baghat email lil Schembri staqsa, *"what is the outcome on this please ?"*. Sussegwentement, **fl-24 ta' Lulju, 2012** Schembri baghat email lil Trapani fejn qallu, *"I think we need to get this over and done with !!!!"* (fol. 132). It-twegiba ta' Trapani, permezz ta' email mhux datata, kienet:

*"Ok, la penso come te e il nostro caro amico Reno …. sono super impegnato, ma ti prometto che chiudero' questa situazione. Saluti di vero cuore…."*

Kliem li fih innifsu jaghti lill-qorti x'tifhem li kien qieghed jirrkonoxxi li l-attrici kienet ghadha ma thallsitx ta' xogholha u kien ser jiehu hsieb jaghlaq il-materja. Fatt li ma jhalli l-ebda dubju li s-socjeta appellanti kienet tirrikonoxxi li l-attrici kienet kreditrici. Meta tikkunsidra dawn ic-cirkostanzi mal-fatt li l-kawza fid-9 ta' Mejju, 2013 l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hi ghal kollox bla bazi.

20. Hemm ukoll l-appell incidentali li pproponiet is-socjeta konvenuta, fejn tilmenta li mis-sentenza jidher li t-Tribunal:

*"…. Hasel idejh mill-problema li kellu quddiemu biex jigi deciz billi jidher illi ghalkemm apprezza l-fatt li persuna li tircievi l-gid ta' xoghol haddiehor pero tippretendi li ma thallasx ghalih u titfa' l-obbligu ta' dak il-hlas fuq spallejn haddiehor li bl-ebda mod ma jkun arrikixxa ruhu minn dak ix-xoghol li jkun sar, arrikkiment dan li gawdiet minnu biss l-International Meats, xorta wahda ddecidiet li titfa l-htija fuq l-akkadut u l-obbligu li Studigrafih tithallas ta' xogholha fuq spallejn kemm ta' International meats kif ukoll dawk ta' Caxton".*

21. L-attrici ssostni li l-appell incidentali hu nieqes mid-dikjarazzjoni obbligatorja kif jitlob is-subinciz (2) tal-artikolu 240 tal-Kap. 12, kif ukoll mill-motivazzjoni. Il-qorti tosserva:

i. Hu veru li fit-twegiba li pprezentat l-attrici mhemmx id-dikjarazzjoni kontemplata f'subinciz (2) tal-artikolu 240 tal-Kap. 12. Pero din ma twassalx ghal nullita. Dan apparti li hu evidenti li l-kontendenti l-ohra ma sofrew l-ebda pregudizzju tant li pprezentaw twegiba.
ii. Il-motivazzjoni wara l-appell incidentali tinsab f'paragrafu seba' (7) tat-twegiba.

Ghaldaqstant, din l-eccezzjoni hi michuda.

22. Ghal dak li jirrigwarda l-meritu tal-appell incidentali, il-qorti ma taqbilx mar-ragunament tas-socjeta konvenuta. Mill-provi rrizulta li kienet tezisti relazzjoni guridika bejnha u l-attrici. Fil-fatt:-

i. Kienet il-konvenuta li kkomunikat mal-attrici sabiex thejji d-dizinji mehtiega;
ii. Il-konvenuta dejjem kienet tissemma fil-korrispondenza li kien jibghat Reno Psaila;
iii. Mhemmx prova li Schembri qatt gharraf lil Reno Psaila, li l-konvenuta mhijiex responsabbli ghall-hlas. Sahansitra meta Reno Psaila talab lil Richard Schembri sabiex jatih id-dettalji tal-kumpannija konvenuta biex johrog il-kont, tajhomlu u fil-fatt il-kontijiet hargu f'isem is-socjeta konvenuta. Dan fih innifsu hu wkoll prova li meta l-konvenuta ordnat

ix-xoghol minghand l-attrici, ma kinitx qeghda semplicement tagixxi bhala mandatarja tal-imsejha fil-kawza.

iv. Mhemmx prova li Psaila kien accetta li s-socjeta konvenuta tohrog barra mix-xena. Fil-fatt il-kont inhareg lilha. Inoltre meta nqalghet il-kwistjoni dwar il-hlas tal-kont, Reno Psaila kien jibghat l-emails direttament lil Richard Schembri.

Il-kwistjoni mhijiex jekk il-konvenuta gawditx jew le mix-xoghol li ghamlet l-attrici, izda jekk is-socjeta konvenuta kellhiex obbligu fil-konfront tal-attrici. Dan apparti li l-konvenuta zgur li gawdiet mix-xoghol tal-attrici, ghaliex b'dak ix-xoghol setghet taghmel l-istampar.

**Ghal dawn il-motivi:**

1. **Tichad l-appell tal-imsejha fil-kawza, bl-ispejjez kontra taghha.**
2. **Tichad l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta attrici fir-rigward tal-appell incidentali, bl-ispejjez kontra taghha.**
3. **Tichad l-appell incidentali tas-socjeta konvenuta, bl-ispejjez kontra taghha**.

Anthony Ellul.